**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 77 – IT-TLIETA 11 TA' SETTEMBRU 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Joe Spiteri | Kunsillier |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| Assenti: | Clinton Sammut | Viċi-Sindku |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Skrivana |

Is-SE informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet*, kif ukoll fuq il-*facebook page* tal-kunsill

***1.*** **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li kien irċieva *e-mails* mingħand il-Kunsillieri Galea u Agius li taw raġunijiet talli mhux se jkunu jistgħu jattendu għall-laqgħa.

***2.*** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Ġew imressqa l-minuti tal-laqgħat numru 75 (bla *quorum)* u 76.

2.2. Il-Kunsillier Spiteri fakkar li kellha titneħħa sentenza parti minn 14.1 li tikkonsisti fit-tieni sentenza. Din ġiet imħassra.

2.3. Il-minuti kienu approvati wara rakkomandazzjoni mis-Sindku u ssekonda l-Kunsillier Gatt.

2.4. *Arising* minn punt 15.1 dwar il-proposta li-Każin tal-futbol jorganizza attività fil-grawnd bla ħlas. Kien approvat bi proposta mis-Sindku u ssekondat minn Kunsillier Gatt.

2.5. *Arising* minn punt 4.10 dwar ħajt li kien qed jieħu parti mill-bankina fi Triq tal-Labour. Kien ikkonfermat li dan il-ħajt tneħħa.

2.6. *Arising* minn punt 13.1 dwar l-*outdoor gym,* is-SE informa li l-offerti jinsabu fil-proċess ta' kitba b'kordinazzjoni mal-Perit b'mod partikulari biex ikun jista' joħroġ

bis-sistema ta' lots li hija sistema ġdida għall-Kunsill Lokali Naxxar. Dan jinkludi l-kostruzzjoni u l-apparat.

### 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku semmiet li fil-25 ta' Lulju kienet mistiedna għall-festa ta' San Ġakbu fil-kappella tal-Ġiżwiti.

3.2. Fit-28 ta' Lulju, is-Sindku kellha laqgħa mal-Vice Squad fil-Headquarters tal-Pulizija fejn ġew diskussi diversi suġġetti li jistgħu jolqtu lill-lokalità.

3.3. Fis-6 ta' Awwissu, Triq J Howard, ġiet miksija mill-ġdid bit-tarmak. Is-Sindku sodisfatta li kellha ħafna kummenti sbieħ mir-residenti.

3.4. Fis-16 ta' Awwissu il-Kunsilliier Gatt attenda laqgħa ta' kordinazzjoni mal-Kumitat responsabbli mill-organizzazzjoni tal-Pontifikal fin-Naxxar.

3.5. Fil-21 ta' Awwissu is-Sindku kellha laqgħa ma *Malta Textile Recycling*. Dawn se jipprovdu *bins.* Barra minn hekk il-Kunsill se jingħata €20 għal kull *bin* fix-xahar. Il-Kunsill approva*,* filwaqt li l-Kunsillier Sciberras astjena għal raġunijiet personali.

3.6. Dwar varar tas-servizz ta' trasport Point to Point is-Sindku infurmat li dan se jsir fl-24 ta' Ottubru fil-11.00am taħt il-patroċinju tal-ET il-President ta' Malta.

3.7. Fis-6 ta' Settembru, s-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Cuomo u s-SE kellhom laqgħa ma' Virtual Tourist Web Portal. Dawn infurmaw li jekk il-Kunsill japplika biex ikun inkluż fil-lista, ikun ukoll inkluż informazzjoni dwar il-Kunsill u postijiet ta' interess tal-lokalità. Din tiswa €360 fis-sena u tinkludi wkoll sena ta' artikli b'xejn. Il-Kunsill approva.

3.8. Fis-7 ta' Settembru, saret laqgħa ma' uffiċċjali tal-Wasteserv dwar l-*organic waste collection.* Dan se jibda l-Erbgħa 31 ta' Ottubru u l-ġabra tkun nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa. Il-ġabra se titħallas minn Wasteserv u jintuża l-kuntrattur tal-Kunsill. Eventwalment se jitqassmu *separation bins.* Se jkun qiegħed isir infurzar u tqabbdet kumpanija biex tieħu ħsieb tinforma lill-publliku.

3.9. Is-Sindku fakkret li Jum in-Naxxar isir fil-11 ta' Diċembru. Se jsir ġewwa Villa Arrigo u se jipparteċipaw iż-żewġ baned. Dwar Ġieħ in-Naxxar, Is-Sindku ipproponiet li jintagħżlu persuni mir-residenti Naxxarin stess. Id-deċiżjoni tal-għażla wara ssir mill-Kunsill. Ippropona l-Kunsillier Brincat u ssekondat il-Kunsilliera Cuomo.

3.10. Dwar il-latrina, is-Sindku semmiet il-problema fis-sistema tad-drenaġġ. Il-permess inħareġ mill-WSC.

3.11. Dwar il-*playground* is-Sindku infurmat li se jibda l-proċess biex jiġu installati id-dwal fil-ġimgħat li ġejjin. Dawn ġew diskussi mal-Kumitat tal-Finanzi u ġie maqbul l-istil tad-dawl biex il-*playground* ikun imdawwal kollu. Kien maqbul ukoll ix-xiri ta' apparat ġdid għall-bandli. Il-Kunsill approva.

3.12. Is-Sindku kellha laqgħa ma' Camilla Appelgren dwar tindif ta' Qalet Marku. Għandha ssir laqgħa mal-Awtoritajiet biex possibilment tingħalaq id-daħla għall-vetturi biex jiġi evitat l-użu abbużiv tal-post.

3.13. Saret laqgħa mal-Perit u mal-Enġinier fuq id-dwal ġodda fi Triq Santa Luċija. Dawn se jeħlu fuq il-ħajt u ġie rrakommandat stil ta' fanali *4-sided* li jkunu mwaħħlin bi *brackets* dekorattivi. Ir-residenti għandhom ikunu infurmati. L-Inġinier jista' juża *software* li jkun jista' jikkalkula l-għoli u l-frekwenza ta' dwal li għandhom jitwaħħlu. Il-Kunsill approva.

3.14. L-attività marbuta ma *Solidarity for Heritage* se ssir mit-30 ta' Ottubru sat-2 ta' Novembru u l-amministrazzjoni diġà qed taħdem fuqha.

3.15. Il-Kuntatt li kellu joħroġ għal żmien il-festa ma ntlaħaqx u għalhekk l-artikli jridu jiġu modifikati.

3.16. Fuq il-proġett tan-Nextbike, is-Sindku infurmat li waslu l-pjanti li jindikaw iż-żoni minn fejn jistgħu jinkrew ir-roti. Il-Kunsill qabel fuq is-siti magħżula sakemm ma jtellfux mill-passaġġ lill-pubbliku.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

5.1. Ġew ippreżentati r-rapporti finanzjarji.

5.2. Dawn kienu approvati wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

5.3. Ġie maqbul li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Surmast tal-iskola għas-self tal-lasti.

**6. RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART**

6.1. Ir-rapport kien approvat bi proposta mill-Kunsillier Brincat u issekondat mill-Kunsillier Sciberras.

**7. RAPPORT MILL-KUMITAT AMINISTRATTIV TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

7.1. Il-Kunsilliera Cuomo tenniet li ilha ma ssir laqgħa minħabba impenji li kellhom il-membri. Il-Kunsilliera Cuomo pproponiet li l-ġnien għandu jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, għall-fini ta' manteniment u tindif. Bħalissa qed ikun imnaddaf minn volontiera. Il-latrina m'għandiex taqa' taħt il-Kunsill. Għandha tintbagħat ittra lill-awtoritajiet ikkonċernati dwar dan. Il-proposta kienet issekondata mis-Sindku. Il-Kunsill approva unanimament.

**8. IMPJIEG TA' SKRIVANA**

8.1. Kien hemm żieda ta' impjegata bħala skrivana għall-*front office* kif kien approva l-Kunsill. Il-Kunsill approva.

**9. POLICY DWAR IMWEJJED U SIĠĠIJIET**

9.1. is-SE ippreżenta dokument dwar din il-policy li ntbagħat mill-konsulenti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li, għalkemm issa fin-Naxxar diġà ħarġu numru ta' permessi, għandu xorta waħda jaddotta policy u għalhekk għandu jikkonsulta mar-residenti.

**10. APPLIKAZZJONI GĦAL TABELLI BIR-REKLAM**

10.1. Saret applikazzjoni għal diversi tabelli minn The Old Charm li ma kienux approvati mill-Kumitat tal-Finanzi ħlief għal waħda fil-kantuniera tal-isqaq.

10.2. Il-Kunsill ikkunsidra wkoll talba minn Hilltop Gardens għaliex inqalgħu numru ta' tabelli tas-Simblija Care Home. Minħabba li t-tabelli ta' Hilltop bil-permess huma iżgħar mid-daqs normali, il-Kunsill qabel li ta' Simblija Care Home jitqiesu li huma parti mill-istess tabella u allura ma jkunux jirrikjedu permess addizzjonali.

### 11. BORD TAL-GĦAŻLA ĠIEĦ IN-NAXXAR

11.1. Suġġett diskuss aktar qabel fil-laqgħa (para.3.9).

### 12. OFFERTI

12.1. Hemm numru ta' sejħiet għall-offerti li jinkludu: Project Manager tal-Mitħna; Ġbir ta' Mixed Household waste; Perit; Lift għaċ-Ċentru Ċiviku; Railings għal Binja Ħamrija; Outdoor gym; Playing field ta' Ġnien il-Ħamrija; Dwal; Ġonna; Bankini; Knis; Bulky refuse; Disinn u stampar għal publikazzjoni tal-Kunsill; Tindif tal-latrina u c-Ċentru Ċiviku; Manteniment ta'bankini; Traqqigħ ta' toroq; Tindif ta' toroq *non-urban.*

12.2. Is-SE se jkun qiegħed jagħti aktar informazzjoni dwarhom.

### 13. ATTIVITÀ TAL-MILIED

13.1. Is-Sindku infurmat li l-attività tal-Milied din is-sena se ssir fit-22 u t-23 ta' Diċembru u se tkun ikkonċentrata fi Triq Santa Luċija. B'dan il-mod se jkun evitat ħafna mill-inkonvenjent ta' għeluq ta' toroq u konsekwentement jitnaqqsu wkoll l-ispejjeż tal-gwardjani. Is-Sindku ssuġġeriet li jsiru kompetizzjonijiet għall-isbaħ sqaq u l-isbaħ faċċata ħalli tinkoraġġixxi tiżjin mat-triq u l-isqaqien kollha. Il-Kunsill approva.

13.2. Il-Kunsill qabel ukoll li għal din l-okkażjoni għandu jistieden is-Sindki u rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali barranin li għandu kuntatt viċin magħom. Għal dawn titħallas l-akkomodazzjoni u l-ispejjeż lokali.

### 14. KONSULTAZZJONI FUQ IL-PROĠETT TAL-ĠNIEN FIT-TRIQ TAL-LABOUR

14.1. Qed isiru diskussjonijiet mal-perit dwar pjanti ġodda biex eventwalment tiġi deċiża data għall-konsultazzjoni mal-pubbliku.

### 15. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

15.1. Il-laqgħa aġġornat fis-7.30pm u d-data li ntagħżlet għall-laqgħa li jmiss hija nhar l-Erbgħa 17 ta' Ottubru 2018.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |